# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**APPELL NUMRU 318/2016**

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Nizar I Mustafa Al-Gadi**

Illum 28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Nizar I Mustafa Al-Gadi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25405 (A) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzat talli nhar is-6 ta' Novembru, 2015, ghall-habta ta' 19.00hrs, gewwa l-Awla numru 22, fil-bini tal-Qorti Kriminali ta' Malta, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

1) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-Ispettur Keith Arnaud inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan

is-servizz, jew bilhsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieħ ta' Tessie Mifsud, Maria Cefai u Carmen Galea weggaghhom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor.

3) Ghamel lil Tessie Mifsud, Maria Cefai u Carmen Galea ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

4) Billi sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Ġunju, 2016 fl-ismijiet premessi mogħtija li biha l-Qorti ma sabitux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u illiberatu minnha, izda sabitu hati tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), dik numru tlieta (3) fil-konfront ta' Tessie Mifsud biss u dik numru erbgha (4) u kkundannatu għal terminu ta' priġunerija ta' tliet (3) xhur u għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) u fit-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) għal żmien sena fil-konfront ta' l-Ispettur Keith Arnaud u Tessie Mifsud;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-imputat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju, 2016 li bih talab ir-riforma tas-sentenza appellata bil-konferma ta' dik il parti fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u t-thassir taghha f'dik il-parti li biha sabitu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba'q imputazzjoni u b'mod alternattiv tirriforma s-sentenza kwantu l-piena mposta;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti processwali kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt li l-imputat kien jinsab fl-awla numru 22 tal-Qrati tal-Gustizzja gewwa l-Belt Valletta bhala akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali u senjatament ezatt wara li inghatat sentenza ta' htija fil-konfront tieghu mill-Qorti Kriminali u wara li l-Imhallef li kien qed jippresjedi dak il-guri hareg mill-awla, l-imputat ghamel mossi u esklama diskors fil-konfront ta' tlieta mill-qraba tal-vittma kif ukoll fil-konfront tal-Ispettur Keith Arnaud li kien kkonduca l-proceduri f'isem il-Puliizja. L-ewwel Qorti sabet htija fl-agir tal-imputat fejn jirridgwarda l-Ispettur Keith Arnaud u l-kwerelanti Tessie Mifsud, omm il-vittma mertu tal-guri, izda mhux fil-konfront ta' hut l-istess Mifsud u dan kwantu ingurji u theddid izda mhux kwantu li naqsilhom mill-gieh taghhom u ghalhekk sabet ukoll htija fl-addebitu tar-recidiva;

2. L-appellant jillanja s-sentenza bi tlett aggravji dwar l-apprezzament tal-provi u tal-ligi, maqsuma f'zewg partijiet f'kull aggravju, iehor dwar il-piena erogata u l-ahhar aggravju dwar il-garanzija imposta mill-ewwel Qorti. Fit-tieni parti tat-tielet aggravju, jigifieri dak enumerat bhala (3B), filwaqt li l-appellant jillanja s-sejbien tal-addebitu tar-recidiva mill-aspett ta' prova, jintroduci argument iehor ghall-kwantu differenti meta jaghmel referenza ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u jallega nuqqas tal-ewwel Qorti konsistenti fl-ommissjoni tad-dikjarazzjoni

taghha dwar il-fatti li taghhom instabet htija. Issa la darba dan jista' potenzjalment jaffettwa l-validita tas-sentenza appellata, isegwi li din il-parti tat-tielet aggravju ghandha tkun deciza qabel l-aggravji fil-mertu;

3. Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 jipprovdi hekk:

**382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

Issa, huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza dwar din il-materja illi meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tghid il-**fatti** li dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382. Dan il-punt kien mertu ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Peter Abdilla** 28.7.2010**; Il-Pulizija vs Mariella Caruana** 1.12.2010**; Il-Pulizija vs John Tanti** 24.1.2013 , **Il-Pulizija vs Carmelo Polidano** 11.12.2013; **il-Pulizija vs Albert Caruana** 120/2015 tat-30 ta' Jannar, 2017 u **Il-Pulizija vs Thomas Camilleri** 315/2018 tad-29 ta' Marzu, 2021;

4. Meta l-artikolu 382 jitlob li jissemmew il-fatti ma jkunx qed jitlob ukoll ir-ragunijiet, jew motivazzjoni li wasslu ghas-sejbien ta' htija. Il-legislatur jiddistingwi bejn il-fatti u l-motivazzjonijiet tant illi fl-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali jsemmi b'mod car illi "**kull decizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, ghandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti ghal dik id-decizjoni**". Ghal fini ta' validita' ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalhekk, indikazzjoni tal-fatti fil-forma ta' riproduzzjoni tal-imputazzjoni, li ma hi xejn ghajr il-fatt

imputat, tissodisfa r-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382. Fil-kwistjoni in disamina, l-ewwel Qorti indikat bhala fatt l-addebitu tar-recediva, ddikjarat li rat d-dokumenti esebiti li allura jakkludu s-sentenza moghtija kontra l-imputat debitament esebita bl-istess partikularitajiet ta' identifikazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' htija fid-decide tal-ewwel Qorti. Issa, ghalkemm is-sentenza tal-ewwel Qorti setghet kienet xi ftit anqas ekonomika f'dan ir-rigward, *stricto juris* hija korretta u ghalhekk ineccepibbli. Ghalhekk it-tieni parti tal-aggravju (3B) qed ikun michud;

5. Illi kwantu l-ewwel aggravju (1A), l-appellant iressaq l-argument illi l-allegati ingurji jew theddid kif ipotizzati fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ma jirrizultawx sal-grad rikjest mill-liġi. Izid jispjega l-appellant illi dan l-artikolu jirrikjedi l-prova tal-animus [l-*animus injuriandi*] u li l-allegat oltragg kien dirett kontra l-allegat vittma. Fit-tieni parti (1B) l-appellant jallega illi huwa ma jitkellimx bl-Ingilz u ghalhekk l-"allegazzjoni li l-esponent uza l-lingwa Ingliza hija totalment out of character mir-rikorrent u l-kliem attribwiti lilu ma ghandhomx mis-sewwa". Sabiex dan l-ilment u l-ohrjan li jsegwu jkunu esplorati jokkorri li jkunu brevement rakkontati l-fatti emergenti mill-provi fejn allura insibu li wara li l-Imhallef sedenti l-guri li ghalih saret referenza *supra* prolata l-kundanna ta' ghomor il-habs fil-konfront tal-akkuzat allura l-imputat odjern, qamet xi ftit kommossjoni fl-awla konsistenti f'capcip. Wara li l-istess Imhallef hareg mill-awla l-pubbliku beda hiereg 'l barra u omm il-vittma mertu tal-guri *ex admissis* indirizzat lill-akkuzat bil-kliem, "qtajtha xewqtek issa li toqghod hawn. Issa oqghod" . Dak il-hin, l-imputat dar lejha u estenda idejh u b'subajh fforma ghamla ta' pistola fid-direzzjoni tal-istess persuna. Ftit wara, u wara li kienu hargu xi nies barra l-awla, l-imputat deher ihares lejn l-Ispettur Keith Arnaud u

filwaqt li qallu l-kliem "you're next", ghamillu sinjal ta' hanxir tal-ghonq b'subghajh. Dan id-diskors u mossi kienu konfermati minn diversi xhieda u l-Qorti ma tarax il-htiega li taghmel sintesi tad-deposizzjonijiet;

6. It-tieni parti tal-ewwel aggravju jigifieri dak enumerat (1B) qed ikun minnufih michud ghaliex bid-dovut rigward, mkien fl-atti processwali ma tirrizulta xi oggezzjoni, imqar jekk hjiel taghha anke permezz ta' mistoqsijiet in kontro-ezami, li l-imputat qatt ma seta' lissen kliem bl-ilsien Ingliz. Huwa kellu kull opportunita' li jaghmel mistoqsijiet lix-xhieda sabiex jinnewtralizza l-allegazzjoni u naqas milli jaghmel dan b'mod allura li issa huwa inutili ghalih li jghid li dan ma jistghax ikun ghaliex ma jitkellimx bl-ilsien Ingliz;

7. Illi kwantu l-aggravju enumerat (1A), ikun opportun ezami tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ipotizzat fl-artikolu 95A tal-Kodici Kriminali li dwaru instab hati l-imputat. Dan l-artikolu, kif emendat fis-sena 2014 bl-Att V) jipprovdi hekk:

**95. (1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanza msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda b'zewg gradi u ghall-multa ta' mhux anqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000).**

8. Illi dan l-artikolu jiprospetta xejn anqas minn tlett ipotezi ossia reati bl-ewwel wiehed dak ta' oltragg jew ingurja specjali jew ingurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames elementi fejn l-allegat kliem jehtieg li jkun sar:

a) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku;
b) *Officio durante vel contemplatione officii;*
c) *De visu*;
d) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u
e) *Animo injuriandi.*

9. Fil-kaz odjern, izda, la darba ma ntuza l-ebda kliem u wisq anqas ma hemm allegazzjoni ta' offiza fuq il-persuna tas-Sur Arnaud, l-ezami li ghandu jissokta ghandu jimmira lejn l-allegata theddida mill-aspett soggettiv flimkien mal-elementi kollha appena elenkati ghajr dak elenkat bhala (d) li jista' jkun sostitwit bl-element dwar jekk il-fatt ikun jammonta ghall-theddida. L-Ispettur Arnaud kien l-Ufficcjal tal-Pulizija adett mit-tmexxija tal-prosekuzzjoni kontra l-imputat, allura akkuzat, naturalment sakemm tinhareg l-Att ta' Akkuza fejn il-prosekuzzjoni kienet ghaddiet f'idejn l-Avukat Generali. Ghalhekk huwa palezi li l-Ispettur Arnaud huwa Ufficcjal Pubbliku fejn l-allegat theddid sar filwaqt li kien inkargiat minn xoghol ufficcjali u l-mossa saret quddiemu stess. Din il-mossa, konfermata mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija wahda ta' theddida

diretta u serja akkumpanjata bil-kliem "you're next" minn persuna appena misjuba hatja ta' omicidju (ghall-korrettezza soggetta ghall-appell). Sinjal ta' thanxir tal-ghonq ma ghandu l-ebda tifsira ohra ghajr dik ta' thanxir u kull attentat ghal-deswasjoni tkun inutili;

10. L-imputat jargumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi f'dak il-mument kien hemm konfuzjoni u ghalhekk ma hemm l-ebda prova li l-oltragg kien dirett lejn is-Sur Arnaud. Dan l-argument hu destinat li jfalli tenut kont tax-xiehda diretta tas-Sur Arnaud u tax-xhieda l-ohra inkluzi l-avukati mill-Ufficcju tal-Avukat Generali. Il-Qorti hija b'hekk konvinta, bhal l-ewwel Qorti qabilhla, li dan is-sinjal sar bl-animu li jhedded lill-Ufficcjal tal-Pulizija u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

Ikkunsidrat

11. Illi fit-tieni aggravju, ukoll maqsum f'zewg partijiet, l-imputat jillanja s-sentenza appellata kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni jigifieri ta' ingurja jew theddid fil-konfront ta' Tessie Mifsud u jressaq l-argument illi qatt ma seta' jinstab hati in rigward ghaliex dak li ghamel ma kienx "barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Issa, dan huwa wiehed mill-ftit istanzi fejn il-ligi taghna tammetti l-provokazzjoni bhala difiza ravvizata ukoll fir-reat dwar offizi fuq il-persuna, hsara volontarja u dik tal-imgieba li tikkaguna biza'. Is-sentenza appellata hija siekta dwar ir-raguni ghaliex sabet lill-imputat hati tat-tielet fatt izda mit-traskrizzjoni tax-xiehda din il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha dwar din il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm l-appellant huwa korrett fl-esposizzjoni tieghu li dan l-artikolu ma jippenalizzax lil min jagixxi fil-limiti tal-provokazzjoni izda fil-

fehma ta' din il-Qorti ghalkemm huwa minnu li kienet Tessie Mifsud li pprovokatu bi kliemha, l-imputat hareg mill-limiti tal-provokazzjoni b'theddida cara ta' qtil meta ppunta subghajh lejha fil-forma ta' pistola u tali agir ma jistax jitqies bhala retorsjoni ghall-komportament tal-istess kwerelanta izda promessa ta' hsara fil-persuna tal-kwerelanta fil-futur, gejja minn persuna li ghadha kemm kienet misjuba hatja dwar l-omicdiju ta' bintha (naturalment soggett ghall-appell tal-akkuzat);

12. L-ewwel Qorti sabet htija fl-imputat fit-theddida tieghu versu Tessie Mifsud izda mhux fil-konfront taz-zewg kwerelanti l-ohra li kienu maghha dak il-hin. Fit-tieni parti tat-tieni aggravju, (2B), l-appellant jghid li kieku rreagixxa barra mill-limiti tal-provokazzjoni kien jinstab hati ukoll fil-konfront tal-kwerelanti l-ohra. Dan l-argument ma jregix u ma hemm l-ebda htiega ta' osservazjonijiet ulterjuri dwaru. Konsegwentement it-tieni aggravju qed ikun michud;

13. It-tielet aggravju, ossia l-ewwel parti tieghu (1A) jirreferi ghar-rizultanza tal-addebitu tar-recidiva u l-appellant jikritika s-sentenza appellata filli din ma taghmel l-ebda referenza ghal-xi sentenza precedenti maqtugha fil-konfront tieghu. Dwar dan ghandu jkun osservat illi l-ewwel Qorti sabet lill-imputat "hati" tar-raba' imputazzjoni li f'dan il-kaz ghandu jiftiehem li ghaliha kien jirrizulta l-addebitu tar-recidiva. L-ewwel Qorti setghet taghmel dan la darba l-prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat li ghaddiet in gudikat la darba moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u li bla dubju tirreferi ghall-istess imputat. Is-sentenza in kwistjoni, esebita a fol 50 tal-atti processwali kienet prolatata fid-19 ta' Frar, 2014 u din

ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-18 t'Ottubru, 2012 li biha l-imputat kien kundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba' xhur. Illi la darba l-imputat kien kundannat ta' delitt u fi zmien tal-allegati offizi hawn in disamina ma lahqux ghaddew hames snin mill-kundanna kif jitlob l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u la darba l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-provi kollha dwar is-sentenza precedenti, setghet legalment tghaddi sabiex tqis lill-imputat recidiv konsegwenza ta' sejbien tal-htija tal-fatti quddiemha u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

14. Jifdal ghalhekk l-aggravji dwar il-piena u l-garanzija personali ordnata mill-Qorti fil-konfront tal-vittmi bil-gravam li hemm lok ghal temperament fil-piena u li l-imposizzjoni tal-garanzija personali mhix konformi mad-dispost tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. Kwantu l-piena, s-sanzjoni erogata hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata minn dik tal-ewwel grad;

15. L-artikolu 383 jaghti l-poter lil Qorti, meta jidhrilha xieraq ghas-sigurta' tal-persuna, li timponi garanzija monetarja fuq il-hati bil-ghan li jservi ta' deterrent ghall-molestja fil-futur. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel dan u inoltre ghamlet hekk minghajr ebda konsiderazzjoni tal-qaghda finanzjarja tieghu izda dwar dan huwa zbaljat ghall-kollox ghaliex din l-ordni kienet fil-mansjoni tal-ewwel Qorti u l-garanzija personali ma titfa ebda obbligu ta' depozitu fuq il-hati sakemm ma jergax jikser l-obbligi tieghu fil-futur, haga din li tiddependi minnu u minnu biss. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

16. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu bit-termini jibdew jiddekorru mil-lum.